# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IL-ERBGHA, 4 TA' LULJU, 2001

*Avviz. Nru 1587/00 AJD*

Grima Communications Ltd.

vs

Carmelo Scicluna of Treasury Way Boutique u b'digriet tas-26 ta' Marzu, 2001, gie kjamat in kawza Sandro Micallef

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Settembru, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u zewg liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm202.20) bhala bilanc fuq pakkett ta' reklami li l-konvenut xtara minghand is-socjeta' attrici u li minkejja diversi interpellazzjonijiet il-konvenut baqa' inadempjenti u b'hekk kellha ssir din il-kawza.
Bl-ispejjes, kontra l-konvenut.

Ra d-digriet tas-26 ta' Marzu, 2001, fejn giet ordnata il-kjamata in kawza ta' Sandro Micallef.

Ra d-digriet tal-21 ta' Gunju, 2001, fejn is-socjeta' attrici giet awtorizzata ccedi l-atti tal-kawza fil-konfronti tal-konvenut Carmelo Scicluna.

Ra li l-kjamat in kawza Sandro Micallef debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Lynn Zahra in rappresentanza tas-socjeta' attrici li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-kjamat in kawza ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u zewg liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm202.20).

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-kjamat in kawza Sandro Micallef.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR